QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILE

MAGISTRAT DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LLD

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 19 TA' LULJU 2002

Avviz Nru:- 200/98DM

Mario u Lucienne konjugi Montesin

Vs

Antoinette Mifsud u Mario konjugi Buttigieg, illum konjugi Buttigieg

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi permezz ta' liema talbu l-kundanna tal-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss minn din il-Qorti, jizgombraw mill-fond Flat 1 No 39, Triq il-Gendus, Bormla liema fond huma qed jokkupaw minghajr ebda titolu validu fil-ligi, u jhallu liberu u battal favur l-atturi li huma l-propjetarji tieghu.

Ghall fini ta' kompetenza il-valur lokatizzju ma jeccedix it-Lm30 (tletin lira Maltin) is-sena.

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra bonarja tas-27 ta' Ottubru 1997, tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Novembru 1997 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccipew illi:

1 Preliminarjament l-atturi ghandhom jipprovaw it-titolu validu taghhom fuq il-fond flat 2, numru 39, Triq il-Gendus, Bormla;
2 Fil-meritu l-esponenti Antoinette Mifsud ghandha titolu ta' kera ghar-rigward il-fond in kwistjoni, liema titolu nghata lilha minghand Jimmy u Agostina konjugi Vella li xtraw l-istess fond minghand l-atturi kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
3 Ghalhekk qed tintalab il-kjamata fil-kawza ta' Jimmy u Agostina konjugi Vella;
4 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri kemm- il darba jkun il-kaz.

Rat id-digriet tal-25 ta' Gunju 1999 fejn gie nominat bhala perit tekniku l-AIC Joseph Mizzi.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku l-AIC Joseph Mizzi pprezentata fit-3 ta' Dicembru 1999

Semghet ix-xhieda prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Biex jipprova t-titolu tieghu ghal-fond in kwistjoni l-attur Mario Montesin, ipprezenta kopja ta' kuntratt tal-21 ta' Settembru 1992 fl-atti tan-Nutar Dr Carmelo Gafa liema kuntratt jinsab esibit a fol 31 (tal-process) immarkat

bhala dokument MM1 u anness mar-relazzjoni teknika tal-AIC Joseph Mizzi.

Dan il-kuntratt jipprovdi ghall-akkwist minn Mario Montesin tal-fond internament immarkat bin-numru 2 (tnejn) fil-Blokk bin-numru 93, Triq il-Gendus, Bormla, liema fond kien konsistenti f'zewg (2) tikmamar u kcina liberu u frank bid-drittijiet u pertinenza kollha tieghu u bil-pussess liberu u li ghandhu in komunjoni mal-appartamenti l-ohra tal-istess blokk, l-intrata, t- tarag u l-bejt.

Ghalhekk sewwa ghamlu l-atturi meta indikaw il-flat bin-numru tnejn (2) fl-avviz ghall-izgumbrament tal-konvenuti u bil-prezentata ta' dan il-kuntratt huma wkoll soddisfaw il-Qorti bit-titolu validu li ghandhom fuq il-fond flat numru 2 (tnejn) numru 39, Triq il-Gendus, Bormla, u ghalhekk qieghdha tirrespingi l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti.

Fil-mertu, billi l-konvenuti qeghdin jallegaw illi huma ghandhom lokazzjoni valida a favur taghhom dwar il-fond in kwistjoni izda l-ircevuti jirriferu ghal flat numru 1 (wiehed), il-Qorti kienet innominat lil AIC Joseph Mizzi sabiex jistabbilixxi jekk il-fond okkupat mill-konvenuti u illi tieghu jippretendu li ghandhom il-kirja huwiex l-istess fond bin-numru 2 (tnejn) akkwistat u fil-proprjeta tal-atturi.

Mir-relazzjoni tieghu l-perit tekniku kkonkluda illi effettivament il-lokazzjoni illi saret favur il-konvenuti minn Agostino Vella kif jirrizulta mill-ktieb tal-ircevuti esibit a fol 18 (tal-process) ghalkemm tirreferi ghal-flat numru 1 (wiehed) tirrigwarda il-flat in kwistjoni proprjeta' tal-atturi, fejn il-konvenuti fil-fatt jirrisjedu.

Ghalhekk issa jispetta lill-konvenuti li jaslu ghal prova illi l-lokazzjoni maghmula minn Agostino sive Jimmy Vella tal-flat li definitivament huwa proprjeta tal-atturi, kienetx lokazzjoni valida.

Ma saret ebda prova illi dana Jimmy Vella kellu xi awtorrizzazzjoni illi jiddisponi mill-proprjeta' tal-atturi u ghalhekk kwalunkwe lokazzjoni li setghet saret minn terzi persuni ta' proprjeta tal-atturi m'ghandha l-ebda

effett u validita fil-konfront tal-istess atturi u ghaldaqstant m'humiex obbligati jirrikonnoxxu kwalunkwe ftehim li setghu ghamlu l-konvenuti ma xi terza persuna dwar il-proprjeta' taghhom.

Ghaldaqstant issib illi l-konvenuti ma waslux ghal prova rikjesta li ghandhom xi titolu validu fuq il-proprjeta in kwistjoni u l-Qorti qieghdha ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jizgumbraw mill-fond flat numru 2 (tnejn) (illum indikat bhala flat numru 1 (wiehed) kif gie ikkonstatat mill-perit tekniku) fil-Blokk numru 39, Triq il-Gendus, Bormla, u ghal fini tal-izgumbrament il-Qorti qieghdha tipprefiggi t-terminu ta' xahar mill-lum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti

...................................................
Magt Dr. D. Montebello B.A. LLD

S. Farrugia
Dep / Reg Civil 43